MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. GRAZIO MERCIECA

Seduta ta' l-20 ta' April, 2005

Talba Numru. 6/2005

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Scicluna Stefan**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Jintalab illi il-konvenut jigi ikkundannat ihallas l-ammont ta’ hames mija u hamsa u tmenin lira maltija u hamsa u hamsin centezmu (LM585.55) liema somma tirrapprezenta bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 2224 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur minn Frar 2004 sa Lulju 2004.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-21 ta’ Ottubru 2004, dawk tal-mandat ta’ sekwestruipprezentat kontestwalment ma’ dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data

tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni."

Ra li l-konvenut ghalkemm notifikat u ghadda t-terminu ghar-risposta ma deherx ghas-seduta tal-lum;

Ra d-dikjarazzjoni ta' Dottoressa Angele Portelli avukat patrocinatur tas-socjeta' attrici li sorte thallas izda fadal li jithallsu l-ispejjez ta' din il-kawza;

Jiddeciedi billi jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba in kwantu din tirrigwarda s-sorte billi l-mertu dwar l-istess gie ezawrit u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez tal-istanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------